MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2015

Numru. 598/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Jacqueline Dipasquale**

**(ID 496467(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Jacqueline Dipasquale, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 496467(M);

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Dicembru 2009 u matul is-sitt xhur ta' qabel din id-data:

a) Forniet jew ipprokurat jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga erojina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ikkonsenjat, qassmet, ittraffikat, bieghet jew offriet li tikkonsenja, tqassam, titraffika jew tbiegh medicina psikotropika u specifikata lil xi persuna ohra li ma kinitx spizjar dirigent jew xort'ohra ma tkunx awtorizzata bil-mod xieraq biex ikollha fil-pussess taghha dik il-medicina, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22/1985, kif emendati;

c) Kif ukoll kellha fil-pussess taghha d-droga erojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-

President ta' Malta, li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

d) Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u specifikata meta ma kinitx awtorizzata kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22/1985, kif emendati liema medicina instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;
e) Kif ukoll kellha fil-pussess taghha, il-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

f) Kif ukoll kellha fil-pussess taghha, ir-raza mehudha mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

g) Kif ukoll talli minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti mill-konfini tal-habs medicina perikoluza skond l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1), (2) tal-Att dwar il-Habs.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ai termini tal-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2009, fir-rigward tal-imputazzjoni (g), l-imputata wiegbet illi ma kellhiex oggezzjoni illi l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u li fl-istess seduta, waqt l-ezami taghha ai termini tal-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kap. 9, hija wiegbet li ma kinitx hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Rat illi fis-seduta tat-2 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' Dicembru 2009, ghall-habta tas-7.00 a.m., Pulizija tal-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputata li, dak iz-zmien kienet tahdem bhala

*nurse* gewwa l-*MI Room* tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin[1] u fuq il-persuna taghha, instabu ammonti zghar ta' diversi tipi ta' sustanzi suspettati droga ossia eroina u *cannabis* u pilloli kkontrollati.[2] Waqt l-investigazzjoni, l-imputata kkoperat mal-pulizija u ammettiet illi d-droga kienet intiza ghal xi detenuti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Hija rrilaxxjat stqarrija[3], li giet sussegwentement ikkonfermatha minnha bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn anke zvelat min kienu l-persuni li kienu jipprokurawlha d-droga u d-detenuti li ghalihom kienet intiza din l-istess droga.

Fl-istqarrija rilaxxjata minnha nhar it-2 ta' Dicembru 2009, wara li nghatat is-solita twissija vigenti dak iz-zmien skond il-ligi, l-imputata qalet illi hija kienet tahdem bhala *nurse* u li kienet ilha assenjata gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghal dawk l-ahhar sena u tlett xhur. Hija kienet tahdem fl-*MI Room.* Dakinhar bdiet xoghol fis-7.00 a.m. Dwar id-droga misjuba fil-pussess taghha dakinhar stess, hija qalet li din kienet fuqha sabiex tghaddiha lil habsin u spjegat ukoll ghal min kienet intiza. Dwar borza bi trab suspettat eroina, li nstabet fil-but tal-*cardingan* taghha, hija qalet li timmagina li kienet *smack* ossia eroina u li din kienet ser tghaddiha lil detenut partikolari[4] gewwa l-*MI Room.* Mistoqsija dwar hlas li kienet tircievi sabiex taghmel dan, hija wiegbet illi kull darbtejn, kienet tithallas is-somma ta' hamsin Euro (€50) minn hu d-detenut. Ma kinitx tiftakar kemm il-darba ghaddiet droga lil dan id-detenut, izda qalet li din l-istorja bdiet madwar tlett xhur qabel u li matul dan il-perjodu, ghaddiet id-droga lill-istess detenut madwar darba kull hmistax. F'dawn l-okkazzjonijiet, dejjem ghaddietlu borza bi trab kannella, li tahseb li kienet eroina, u li gieli din kienet ftit izghar u gieli ftit ikbar. Din id-droga dejjem inghatat lilha minn hu d-detenut.

---

[1] Ara xhieda tas-Supretendent Abraham Zammit li kkonferma li l-imputata kienet impjegata mal-kumpanija Medicare, li kienet tforni servizz ta' *nursing* gewwa l-habs. L-imputata kienet ilha tahdem gewwa l-habs minn Settembru 2008 (a fol. 51 *et seq* tal-process).

[2] Ara xhieda tal-Ispettur Dennis Theuma (a fol. 31 *et seq* tal-process); xhieda ta' WPC 149 Ruth Sammut (a fol. 38 *et seq* tal-process); xhieda ta' WPS 120 Caroline Jiacono (a fol. 40 *et seq* tal-process); xhieda ta' PS 1174 Adrian Sciberras (a fol. 44 *et seq* tal-process).

[3] Esebita a fol. 34 *et seq* tal-process.

[4] Is-Supt. Abraham Zammit, fix-xhieda tieghu (a fol. 51 tal-process) ikkonferma illi din il-persuna kienet fil-fatt detenuta fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin fiz-zmien in kwistjoni.

Rigward borza tal-*plastic* li kienet tikkontjeni tlett boroz zghar tal-*plastic* u li kien fihom xi weraq tal-*cannabis*, raza tal-*cannabis* u borza bi trab kannella, li kienet mohbija fil-parti intima taghha, l-imputata qalet li din kienet intiza ghall-detenut iehor[5] u spjegat ukoll kif kienet ser tghaddilu dawn l-oggetti. Kienet ilha madwar xahar u nofs tghaddi droga u oggetti ohrajn bhal alkohol lil dan id-detenut. Normalment kienet tghaddilu borza bi trab kannella, izda dakinhar kellu wkoll l-oggetti l-ohrajn li nstabu fuqha. Matul dan il-perjodu, din kienet it-tielet darba li ghaddiet dawn l-oggetti lill-istess detenut. Kienet il-habiba ta’ dan id-detenut li kienet tghaddilha l-istess oggetti biex imbaghad hija tghaddihom lid-detenut u li din kienet tghidilha wkoll x’kienu l-oggetti li kienet ser tghaddilha. Hija kienet tithallas minghand din it-terza persuna meta tinghata biss droga u fil-jum ta’ qabel kienet inghatat €50 minghandha. Meta kienet iddahhal oggetti ohrajn ghall-istess detenut, bhal alkohol, ma kinitx tithallas.

Rigward il-pilloli tondi ta’ kulur orangjo li nstabu fil-*handbag* taghha, hija qalet illi dawn kienu *Voltaren* ghall-ugiegh u li dawn kienu ghall-wahda mill-ufficjali li kellha xi ugiegh f’saqajha. Kienet gabithom mill-*MI Room* stess, gewwa l-habs u kienu pilloli li jistghu jinxtraw *over the counter.* Il-pilloli l-ohrajn li nstabu fuqha – hodor u sofor – kienu *Tramal* li ghalihom kienet tehtieg il-*control card*. L-imputata qalet li dawn ma kienu ghal hadd specifiku, izda gieli kien hemm xi prigunieri *sick* u hi tathom minnhom ghaliex kienet tithassarhom. Ma kinitx tiftakar kemm il-darba tat minn dawn il-pilloli, izda qalet li m’ghamlitx dan ta’ spiss. Xi kultant kien hemm xi prigunier li kien jitlobha minnhom. Fir-rigward tal-messagg misjub fuq il-*mobile* taghha, li hija kienet baghtitu lil detenut iehor, hija spjegat illi hija kienet ser taghti l-pilloli *Tramal* lil dan id-detenut.

L-imputata kkonfermat l-istqarrija taghha bil-gurament fit-3 ta’ Dicembru 2009, quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.[6]

[5] Is-Supt. Abraham Zammit, fix-xhieda tieghu (a fol. 51 tal-process) ikkonferma illi din il-persuna kienet fil-fatt detenuta fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin fiz-zmien in kwistjoni.
[6] Ara process verbal a fol. 83 tal-process.

Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[7], jirrizulta illi huwa nghata dokument ghall-analizi tieghu, liema dokument kien jikkonsisti fis-segwenti:

i. Borza tal-*plastic* trasparenti li kien fiha trab ta' lewn kannella – dan kien pozittiv ghall-eroina u kellu piz ta' 4.54 grammi;
ii. Borza tal-*plastic* trasparenti li kien fiha sustanza ta' lewn kannella – din kienet pozittiva ghall-*cannabis* u kellha piz ta' 2.17 grammi;
iii. Borza tal-*plastic* trasparenti li kien fiha haxix ta' lewn ahdar – dan kien pozittiv ghall-*cannabis* u kellu piz ta' 1.05 grammi.

Dawn gew komplessivament moghtija l-kodici tal-laboratorju 035_12_01.

iv. Flixkun tal-*plastic* tal-Fanta li kien fih xi likwidu – negattiv ghal droga;
v. 125 pilloli ta' lewn orangjo go kontenitur tal-*plastic* trasparenti – dawn kienu pozittivi ghal *Diclofenac*;
vi. Borza tal-*plastic* trasparenti li fiha *tissue*, sittax-il kapsula ta' lewn ahdar u isfar (dawn kienu pozittivi ghal *Tramadol*) u tlett pilloli ta' lewn orangjo bil-kliem *ROCHE 0,5*, li rrizultaw fin-negattiv ghal droga jew medicini kkontrollati.

Dawn gew komplessivament moghtija l-kodici tal-laboratorju 035_12_02.

vii. Borza tal-*plastic* li fiha trab ta' lewn kannella – dan kien pozittivi ghall-eroina u kellu piz ta' 3.66 grammi.

Dawn gew komplessivament moghtija l-kodici tal-laboratorju 035_12_03.

Ghaldaqstant, skond ir-rizultanzi tal-istess espert:

[7] Ara relazzjoni a fol. 95 *et seq* tal-process.

i. Fit-trab ta' lewn kannella fid-dokumenti 035_12_01 u 035_12_03 instabet **is-sustanza eroina**, il-piz tat-trab kien ta' **8.20 grammi** u l-purita` kienet ta' cirka **28%**;

ii. Fis-sustanza ta' lewn kannella fid-dokument 035_12_01 instabet is-sustanza ***Tetrahydrocannabinol***, liema sustanza tigi mill-pjanta tal-*cannabis*. Il-piz ta' din is-sustanza kien ta' **2.17 grammi** u l-purita` kienet ta' cirka **6%**;

iii. Fil-haxix ta' lewn hadrani fid-dokument 035_12_01 instabet is-sustanza ***Tetrahydrocannabinol***, il-piz tas-sustanza kien ta' **1.05 grammi** u l-purita` kienet ta' cirka **5%**;

iv. Fil-likwidu fid-dokument 035_12_02 u fuq estratti mill-pilloli bil-kliem *ROCHE* fl-istess dokument, ma nstabitx droga;

v. Fil-pilloli ta' lewn orangjo fid-dokument 035_12_02 instabet is-sustanza *Diclofenac*, liema sustanza m'hijiex ikkontrollata mil-ligi.

vi. Fil-kapsoli fid-dokument 035_12_02 instabet is-sustanza *Tramadol*, liema sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima B tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, jirrizulta car kemm fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputata, ikkonfermatha minnha kif inghad bil-gurament, kif ukoll mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut u l-provi l-ohrajn prodotti mill-Prosekuzzjoni, illi l-Prosekuzzjoni ippruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra l-imputata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputata li kienet netta fiz-zmien tar-reati odjerni. Qieset ukoll illi ghalkemm l-imputata ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, hija kkoperat bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u anke kkonfermat l-istqarrija taghha, fejn indikat numri ta' persuni ohrajn involuti f'dan il-kaz, bil-gurament. Sussegwentement, gew imressqa wkoll zewg persuni ohrajn in

konnessjoni ma’ din l-investigazzjoni. In vista ta’ dan, fis-seduta tal-15 ta’ Jannar 2010, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi l-imputata ghandha tibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.[8]

Qieset ukoll ir-rapport redatt mill-Ufficjal tal-*Probation*, Maryanne Zammit[9], mil-liema jirrizulta illi l-imputata ma jidhirx li qatt abbuzat mid-droga, li ghandha hajja stabbli u mpjieg fiss. Qieset ukoll ir-rapport tal-istess *Probation Officer* li, permezz tieghu aggornat l-ewwel rapport ipprezentat minnha sabiex jirrifletti s-sitwazzjoni tal-imputata dak iz-zmien li gie pprezentat ossia fit-12 ta’ Dicembru 2013.[10] Jidher mill-istess rapport u anke mix-xhieda tal-istess Ufficjal tal-*Probation*[11], illi f’Settembru tas-sena 2012, l-imputata soffriet feriti gravi da parti ta’ persuna li mieghu kellha relazzjoni xi zmien qabel, f’liema incident hija tilfet ghajn wahda u li fil-frattemp, kellha wkoll wild iehor. Miz-zmien tal-ewwel rapport, hija kellha tbiddel l-impjieg taghha b’kawza tal-incident li kellha, izda baqghet f’impjieg fiss u stabbli. Qieset ukoll li l-imputata skuzat ruhha mal-awtoritajiet tal-habs u talbet mahfra dwar l-agir taghha u dan permezz ta’ ittra li hija baghtet lid-Direttur tal-Habs, kif jirrizulta mix-xhieda tas-Supretendent Abraham Zammit.[12]

Qieset ukoll mill-banda l-ohra l-ammont ta’ droga misjuba fil-pussess tal-imputata, li certament ma kienx ammont insinjifikanti, specjalment ghal dak li jirrigwarda d-droga eroina u li l-imputata kienet ilha ddahhal id-droga eroina gewwa l-habs ghall-perjodu ta’ madwar tlett xhur - skond hi, madwar darba kull hmistax - fil-konfront ta’ detenut minnhom u madwar xahar u nofs, fi tlett okkazzjonijiet, ghal detenut iehor. Ta’ dan hija kienet tircievi hlas kif spjegat minnha fl-istqarrija taghha. Il-Qorti qieset illi r-reati kommessi mill-imputata huma serji hafna u ghalkemm x’aktarx huwa minnu dak li tghid hi kemm fl-istqarrija taghha, kif ukoll fl-ittra hawn fuq imsemmija, illi hija ghandha karattru dghajjef bir-rizultat illi terzi persuni japprofittaw ruhhom minnha u anke mill-

[8] Ara verbal a fol. 26 tal-process.
[9] A fol. 57 *et seq* tal-process.
[10] A fol. 126 tal-process.
[11] A fol. 123 *et seq* tal-process.
[12] A fol. 52 u 53 tal-process. Din l-ittra tinsab esebita a fol. 54 tal-process.

generosita` taghha, biss l-imputata ammettiet ukoll illi ghamlet dak li ghamlet anke ghall-flus u dan ghaliex il-paga taghha ma kinitx qeghda sserviha. Din id-djghufija da parti tal-imputata zgur ma tistax isserviha bhala xi forma ta' attenwant. Is-serjeta` tar-reati li wettqet hija reza ferm izjed gravi meta wiehed jikkunsidra l-posizzjoni tal-imputata fiz-zmien ta' dawn ir-reati u li hija abbuzat minn din il-posizzjoni taghha gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u mill-fiducja li kienet tgawdi f'din l-istituzzjoni, sabiex tkun tista' ddahhal id-droga ghad-detenuti – posizzjoni li kellha sservi sabiex hija taghti kura u anke tghin fir-rijabilitazzjoni ta' dawn id-detenuti, izda li ghall-kuntrarju, hija uzatha sabiex tfornihom bid-droga f'post intiz ghall-korrezzjoni u r-riforma taghhom. Li tali reati sehhew f'dawn ic-cirkostanzi, fil-fehma tal-Qorti, ghandu jigi rifless ukoll fil-piena.

Il-Qorti qieset ukoll illi r-reat mertu tal-imputazzjoni (g) serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat mertu tal-imputazzjoni (a) u dan ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi jezisti l-konkors formali jew ideali bejn id-delitti kkontemplati fl-imputazzjonijiet (e) u (f) min-naha l-wahda u l-imputazzjoni (g) min-naha l-ohra. Il-konkors formali jista' jsehh f'zewg cirkostanzi – wiehed minn dawn ic-cirkostanzi huwa meta l-istess fatt jikser zewg jew izjed disposizzjonijiet tal-ligi sabiex hekk jaghti lok ghal izjed minn imputazzjoni wahda. Kif jispjega l-Professur Sir Anthony J. Mamo fin-noti tieghu "*Lectures in Criminal Law*":-

*"… in order that the violations of the several provisions of law may constitute and be dealt with as one single offence, it is essential that they be the result of one single action on the part of the offender and of one and the same criminal determination. This is perfectly in conformity with general principles, for there cannot be one offence where the several violations of the law are accompanied with as many criminal determinations, but only where they are the product of one single criminal determination, or in other words are accompanied with one formal element of the offence. That which therefore, prevails in determining*

*whether the fact was one is the assessment of the intention and the purpose of the agent."*[13]

Kif jghid il-Professur Mamo, il-ligi taghna ma ssemmix b'mod esplicitu din il-forma ta' konkors, izda l-Qrati taghna accettaw u applikaw din id-dottrina f'diversi decizjonijiet (f'dan is-sens ara per ezempju s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Tabone**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fis-26 ta' Awwissu 1998).

Il-Professur Mamo ikompli jghid hekk:

"*The practical effect of this doctrine is that the accused cannot be punished for the several violations but can only be subjected to the punishment provided for the more serious violation*".[14]

Illi ghalhekk stante illi fuq ammissjoni tal-istess imputata, hija kellha fil-pussess taghha r-raza tal-*cannabis* u l-pjanta tal-*cannabis* sabiex iddahhalhom gewwa l-habs u tghaddihom lil detenut partikolari, il-piena li ghandha tinghata permezz tad-duttrina tal-konkors formali tar-reati, hija dik tar-reat l-izjed gravi ossia dik ghar-reati kkontemplati fl-imputazzjonijiet (e) u (f).

Ikkunsidrat ukoll illi r-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (c) serva bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat mertu tal-imputazzjoni (a) u r-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni (d) serva bhala mezz ghal fini fir-rigward tar-reat ikkontempat fl-imputazzjoni (b) u dan ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (b), (e) u (f) u d-

[13] Pagna 152.
[14] Pagna 153.

disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 in kwantu jirrigwarda l-piena pekunjarja applikabbli ghall-imputazzjonijiet (a), (b), (e) u (f).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u t-Taqsima B tat-Tielet Skeda tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b), (f) u (h) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha ossia l-imputazzjonijiet (a), (b), (c), (d), (e), (f) u (g) u tikkundannaha ghal piena ta' **tmintax-il xahar (18) prigunerija effettiva** – li minnha ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hajta ghamlet taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn qed tinstab hatja taghhom – u ghal piena ta' **multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza. Ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta relevanti ghal dan il-kaz, ossia l-ispejjez relatati mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, tmienja u hamsin Euro u seba' centezmi (€258.07) u l-ispejjez relatati mar-relazzjoni ta' PS239 Joseph Caruana, ammontanti ghas-somma ta' tmienja u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€48.94), b'kollox ammontanti

ghas-somma ta’ tlett mija u seba’ Euro u centezmu (€307.01), liema somma ghandha tithallas mill-hatja fi zmien sena mil-lum. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien liha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga li tinsab esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni. Dan sakemm fi zmien hamest ijiem mil-lum, l-Ufficjal Prosekutur ma jinformax lil din il-Qorti, permezz ta’ nota, illi huwa necessarju illi din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohrajn kontra terzi, b’dan illi f’dan il-kaz, ir-Registratur ghandu jirrapporta lil din il-Qorti, b’verbal, meta din id-droga tkun giet hekk distrutta.

In oltre il-Qorti tirrileva u tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs dwar il-fatt illi huwa ferm importanti illi l-hatja tinghata l-kura u l-ghajnuna kollha necessarja li ghandha bzonn u illi hija ghandha tinzamm appartata minn terzi persuni li gew indikati minnha bhala li kienu wkoll involuti f’dan il-kaz, naturalment kemm il-darba dawn it-terzi persuni jinsabu jew ghad ikunu detenuti gewwa l-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin fiz-zmien li l-hatja tkun qeghda tiskonta l-piena taghha, u ghal dan il-ghan id-Direttur tal-Habs ghandu jikkomunika mal-Ispettur Pierre Grech sabiex jigi stabbilit min huma dawn il-persuni.

Il-Qorti qed tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------